# Sena oħra - 75 Parroċċa




Propju fir-raba' jum tax-xahar ta' Settembru 1918, Dom Mawro Caruana, Arċisqof ta' Malta ta' dak iż-żmien kien ta l-ħajja lill-parroċċa tagħna.

Parroċċa żgħira, Parroċċa żagħżugħa, iżda parroċċa importanti u ċentrali f'Malta. Fl-1913 fil-11 ta' Marzu propju sena wara l-wasla tal-patrijiet Karmelitani f'Santa Venera l-limiti ta' Santa Venera kienu ddikkjarati Viċi-Parroċċa biex wara ħames snin biss il-knisja l-qadima u Matriċi saret waħda parrokkjali bid-drittijiet, privileġġi u d-dmirijiet li huma marbuta ma' kull Knisja Parrokkjali f'Malta.

Tajjeb li wieħed isemmi li Sta. Venera kienet l-ewwel parroċċa li kellhom il-patrijiet Karmelitani u li għadhom jieħdu ħsieb il-ħajja spiritwali tal-parroċċa sa llum.

Tul il-medda tas-snin il-popolazzjoni tal-Parroċċa baqgħet dejjem tiżdied u l-ħtiġijiet spiritwali bdew jinħassu aktar bżonjużi f'partijiet fejn il-knisja kienet saret il-bogħod wisq għalihom. Għal dan il-għan inbniet knisja fl-inħawi tal-Fleur-de-Lys li rat il-ftuħ tagħha fil-31 ta' Diċembru 1946. Dan ma kienx biżżejjed. Fl-20 ta' Ottubru 1947 parti mix-Chateau Lonz, illum iċ-Ċentru Parrokkjali, inbidlet f'kappella fejn bdew isiru l-quddies. Nibqgħu mexjin maż-żmien u nsibu li propju fl-1 ta' Settembru 1952 kien hemm il-bidu tal-proġett ta' knisja Parrokkjali ġdida u akbar biex taqdi l-ħtiġijiet kollha tal-Parroċċa. Fid-19 ta' Marzu 1969 bdiet tintuża l-kripta ta' din il-knisja l-ġdida biex bdew isiru l-funzjonijiet reliġjużi fiha. Illum 1992, insibu li x-xogħol tal-bini fuq il-knisja parrokkjali l-ġdida għadu għaddej.

*Tkompli paġna 19*

Tul dawn l-74 sena, il-parroċċa kellha 9 kappillani, illum insibu lil Fr. Joe Vella O.C. li ħa l-mandat ta' kappillan f'Ġunju ta' l-1991 u fil-preżent insibu popolazzjoni ta' madwar 9,000 persuna. Santa Venera ħarġet minn B'Kara u hija Parroċċa Matriċi wara li fil-25 ta' Jannar 1974 il-Fleur-de-Lys saret Parroċa għaliha.

Fil-Parroċċa insibu diversi għaqdiet minn dawk reliġjużi għal oħrajn soċjali li lkoll għandhom funzjonijiet importanti għall-parroċċa. Insibu wkoll Istituti kemm għat-tfal kif ukoll ieħor għax-xjuħ, skejjel, ġnien Pubbliku, Bini Storiku, fabbriki u ħafna affarijiet oħra li permezz tagħhom Santa Venera hija Parroċċa ħajja u mimlija affarijiet x'toffri. Parroċċa li għandna għalfejn ngħożżu u nibżgħu għaliha.

Niltaqgħu sena oħra!


vogue

THE DISTINGUISHED MARK WITH YEARS OF EXPERIENCE

* OFFSET PRINTERS
* SCREEN PRINTERS
* SELF-ADHESIVE LABELS
* PLASTIC STICKERS
* PRINTED T-SHIRTS
* WELDED PVC PRODUCTS
* SIGNS & DISPLAY SYSTEMS
* PRINTED ADVERTISING GIFTS
* STATIONERY PRODUCTS

VOGUE LABELS LTD. 314, Mdina Road, Qormi
Tel: 498878, 487150 - Fax: 493337